MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR
# MALTA

## GUDIKATUR DR.
## MANDUCA PHILIP

Seduta ta' 01 ta' Ottubru, 2002

Talba Numru. 855/2002/1

**Alexander Ciantar**

**Vs.**

**Hotels Administration Limited**

**It-Tribunal**

Ra l-avviz li bih l-attur talab il-hlas ta’ Lm584.21. Skond l-avviz dan l-ammont huwa dovut tal-bilanc ta’ sieghat ta’ overtime li ghamel l-attur mill-bidu tas-sena 1996 sa l-ahhar tas-sena 1998 u dan skond rendikont esebit bhala dok AC. L-attur allega li hu thallas b’rata iktar baxxa minn dik stabilita mill-Wages Regulations Order u li kien hemm sieghat ta’ overtime li hadem izda qatt ma rcieva hlas tieghu.

L-attur ghamel riferenza ghal ittra ufficjali datat 25 ta’ April 2001.

Illi s-socjeta konvenuta eccepiet preskrizzjoni ai termini tal-artikolu 2147C tal-Kodici Civili u minghajr pregudizzju li ma huwiex minnu li l-attur huwa kreditur tas-societa konvenuta.

Ra l-verbal tas-27 ta' Gunju 2002 li fiha gie ddikjarat li l-partijiet jaqblu li l-attur kien jithallas bix-xahar.

Fl-istess seduta l-kawza giet differita ghas-sentenza fuq l-ewwel eccezzjoni ghall-25 ta' Settembru 2002.

Ra n-nota ta' sottomissjonijiet tal-partijiet. Illi l-attur jissottometti li l-preskrizzjoni hija dik ta' hames snin ghaliex skond l-attur japplika l-artiklu 2151(2) tal-Kodici Civili.

Illi skond dan l-artikolu jekk il-kreditu ghal dawn is-servizzi jirrizulta minn kont accettat mid-debitur jew minn dikjarazzjoni ohra tad-debitur bil-miktub, l-azzjoni ma taqax bi preskrizzjoni hlief bl-eghluq ta' hames snin li jibdew mid-data ta' dak il-kont jew dik id-dikjarazzjoni.

Illi fin-nota l-attur jghid li "f'dan il-kas l-istatement tal-pagi kien jinghata lil attur u anki kienu jsiru l-konteggi tal-hinijiet extra li jkun hadem". Illi ma hemm ebda prova ta' din l-allegazzjoni fil-process.

Illi skond l-artikolu 2147c tal-Kodici Civili l-azzjoni tal-attur taqa bl-eghluq ta' sena.

Illi skond l-attur l-ammont dovut huwa ghal perjodu bejn il-bidu ta' 1996 u l-ahhar  ta' 1998. Illi l-ittra ufficjali giet ppresentata biss fil-25 ta' April 2001 u cioe wara li ghaddiet sena.

Illi sabiex japplika l-artikolu 2151(2) l-attur kellu jipprova li s-societa konvenuta accettat il-pretensjoni tal-attur jew kitbet xi dikjarazzjoni f'dan is-sens.  Illi d-dokument esebit mill-attur a fol 3 tal-process ma jikkostitwiex kont accetat mid-debitur jew dikjarazzjoni ohra tad-debitur bil-miktub. Ghaldaqstant l-ewwel eccezzjoni tas-societa konvenuta hi gustifikata.

Ghaldaqstant jilqa l-ewwel eccezzjoni tas-socjeta konvenuta u jichad it-talba tal-attur bl-ispejjes kontra tieghu.

**Av. Philip Manduca**
**Gudikant**